A.L. 245 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Islands and Small States Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Islands and Small States Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Islands and Small States Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 175 ta' l-2000, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolamenti 5 sa 20 tar-regolamenti prinċipali

4. Ir-regolamenti 5 sa 20 tar-regolamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 4 sa 19.

L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-Kors għandu żewġ komponenti kif ġej:

(a) komponent mgħallem, li jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju, li għalihom 60 kredtu ECTS huma assenjati; u

(b) komponent ta' riċerka, li jwassal għall-preżentazzjoni ta' dissertazzjoni miktuba taħt superviżjoni, li għalih 30 kredtu ECTS huma assenjati.

(2) L-istudenti li ma jtemmux b'suċċess il-komponent tar-riċerka tal-Kors, iżda li jtemmu b'suċċess il-komponent mgħallem, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma in Islands and Small States Studies."

L-Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. Matul il-komponent mgħallem tal-Kors, l-istudenti għandhom isegwu taqsimiet studju li għalihom mill-anqas 60 kredtu ECTS huma assenjati fl-oqsma ta' studju li ġejjin: l-Ekonomija, il-Management, l-Edukazzjoni, L-Istudji Ambjentali, il-Public Policy u oqsma oħra stipulati mill-Bord, iżda l-Bord jista' jillimita l-oqsma ta' studju offruti. Dawn it-taqsimiet studju għandhom ikunu mfassla biex jiffokaw fuq kwistjonijiet relatati ma' gżejjer u stati żgħar."

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. L-istudenti għandhom jagħżlu qasam ewlieni ta' studju u jsegwu taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 40 kredtu ECTS f'dak il-qasam ta' studju u qasam ta' studju minuri li għalih hemm assenjati mill-anqas 20 kredtu ECTS."

L-Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

8. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) Il-Kors jingħata b'żewġ modi, permezz ta' "Tagħlim fuq il-Kampus" u "Tagħlim mill-Bogħod". Fl-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti huma meħtieġa jindikaw b'liema mod jixtiequ jistudjaw.

(2) It-"Tagħlim fuq il-Kampus" isir permezz ta' konferenzi, seminarji u sessjonijiet tutorjali u ta' superviżjoni li l-istudenti huma mistennija jattendu regolarment.

(3) It-"Tagħlim mill-Bogħod" isir permezz ta' tagħlim u superviżjoni mibgħuta bil-posta, b'komunikazzjoni elettronika u b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

(4) Tutur ikun assenjat għal kull student li jsegwi l-Kors permezz ta' "Tagħlim mill-Bogħod" u l-istudent ikkonċernat huwa mistenni li jżomm kuntatt regolari mat-tutur tiegħu/tagħha. Ir-rwol tat-tutur ikun li jgħin lil-letturi tat-taqsimiet studju individwali fl-għoti tat-tagħlim, jiggwida lill-istudent taħt il-kariga tiegħu/tagħha u jsegwi l-progress ta' l-istudent."

L-Emenda għar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali

9. Minflok ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. Biex jikkwalifikaw għall-Grad, l-istudenti għandhom jiksbu d-90 kredtu ECTS indikati fir-regolament 6."

L-Emenda għar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali

10. Minflok ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"17. L-istudenti li jsegwu l-Kors permezz ta' "Tagħlim mill-Bogħod" ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami *viva voce* dwar id-dissertazzjoni tagħhom fl-Università ta' Malta jekk ma jsirux arranġamenti għal *teleconferencing* għas-spejjes ta' l-istudent."